# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Fabian Sciriha**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra Fabian Sciriha, detentur tal-karta tal-identita' numru 266885M, fejn ġie mixli talli nhar l-4 ta' Frar 2018 fil-lukanda Excelsior, Triq l-Assedju l-Kbir fil-Floriana, bejn it-15:00 u 15:25 :

(a) ikkommetta serq ta' żewġ basktijiet b'kontenut divers għad-dannu ta' Shohei Nishimura u Mayo Jinnai u/jew ta' persuni oħra liema

serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37) bi ksur tal-artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) ikkommetta serq ta' basket b'kontenut divers għad-dannu ta' Robert Newdick u Deborah Janet Newdick u/jew ta' persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37) bi ksur tal-artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) talli laqgħa għandu ħwejjeġ misruqa bi ksur tal-Artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali;

(d) talli huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-5 ta' Frar 2018 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur eżebiet a fol 26 il-kunsens maħruġ mill-Avukat Ġenerali sabiex dan il-każ jiġi mismugħ u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Josette Sultana bħala avukat tal-għajnuna legali, tenna li huwa mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti għaddiet sabiex tibda' tisma' l-provi miġbura fil-konfront tal-imputat;

Rat li matul is-seduta tat-3 t'Ottubru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjarat li hija kienet ikkontestat it-tielet imputazzjoni bħala alternattiva għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet;

Rat li matul l-istess seduta, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet skont kif speċifikati mill-Uffiċjal Prosekutur;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.  Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif imsemmi aktar il-fuq;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda:

## ***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 17(b), 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a), 289 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil **Fabian Sciriha**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet numri wieħed u tnejn u li huwa reċidiv filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Kwantu għall-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu iżda mhux fi stadju bikri. Inoltre huwa jirriżulta li huwa plurireċidiv skont kif kontestat lilu u ċjoe mhux biss ai termini tal-artikoli 49 u 50 iżda wkoll skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jgħid hekk : -

> 289. (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tagħżel li żżid il-piena b'żewġ gradi. Għaldaqstant tikkundannaħ għal perjodu ta' **ħmistax il-xahar priġunerija**.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali tordna li l-atti tal-kawża flimkien ma' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem skont il-Liġi.

***Mogħtija illum is-sebgħa (7) ta' Novembru 2018 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

Proċ reżo somm/Ammissjonijiet